MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 371/1993/2

**Rudolph Xuereb ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc**

**Vs**

(1) Michael Camilleri u Godwin Borg bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali "E. M. E. C. (Electro Mechanical Equipment Company Limited)"
u
(2) Michael Camilleri u Godwin Borg f'isimhom propju.

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess li bi tlett kuntratti ppublikati, wiehed min-Nutar Victor John Bisazza fid-29 ta’ Awissu 1974, u tnejn ohra min-Nutar Joseph Cachia fit-13 ta’ Frar 1984 u fl-14 ta’ Frar 1985, u li kopji taghhom gew esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni u mmarkati Dok ‘A’, ‘B’ u ‘C’ rispettivament, l-attur *nomine* ikkonceda “*Overdraft and other banking facilities*” lill-konvenuti *nomine* bit-termini u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija;

U premess li l-attur *nomine* jinsab kreditur tal-konvenuti *nomine* fl-ammont ta’ mija u wiehed u ghoxrin elf seba’ mija u tlettax-il lira Maltija u hames millezmi (Lm121,713.00,5) kwantu ghal hamsa u disghin elf mitejn u sitta u sittin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm95,266.15,0) bi1anc ghad-debitu fl-‘*Overdraft Account*’ tas-socjeta` kummercjali “E. M. E. C. (Electro Mechanical Equipment Company Limited)” mal-Bank Of Valletta plc (Dok. ‘D1’ sa ‘D87’), kwantu ghal disa’ mija u tnejn u tmenin lira Maltija ghoxrin centezmi u erba’ millezmi (Lm982,20,4) bilanc ghad-debitu fil-“*Bil1s as Security Account*” tas-socjeta` kummercjali “E. M. E. .C. (Electro Mechanical Equipment Company Limited)” mal-Bank Of Valletta plc (Dok. ‘E1’ sa ‘E39’) u kwantu ghal hamsa u ghoxrin elf erba’ mija u erbgha u sittin lira Maltija hamsa u sittin centezmi u millezmu (Lm25,464.65,1) bilanc ghad-debitu fil- “*Merchandise Account*” tas-socjeta` kummercjali “E. M. E. C. (Electro Mechanical Equipment Company Limited)” mal-Bank of Valletta plc (Dok. ‘F1’ sa ‘F24’) flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mit-30 ta’ Settembru 1992 sad-data ta’ l-effettiv pagament fuq it-tliet kontijiet;

U premess li b’kuntratt ippublikat min-Nutar Joseph Brincat fl-24 ta’ Settembru 1979, u li kopja tieghu giet esibita ma’ l-att tac-citazzjoni u markata Dok. ‘G’ u fil-kuntratt ta’ l-14 ta’ Frar 1985, Dok. ‘C’, i1-konvenut Michael Camilleri iggarantixxa *in solidum* ma’ Godwin Borg u s-socjeta` kummercjali “E. M. E. C. (Electro Mechanical Equipment Company Limited.)”, ghaf-favur tal-Bank of Valletta plc, id-debiti ta’ l-istess socjeta` kummercjali “E. M. E. C. (Electro Mechanical Equipment Company Limited)” mal-Bank of Valletta plc sa l-ammont ta’ mija u sitta u erbghin elf u hames mitt lira Maltija

(Lm146,500.00,0) flimkien ma' l-imghaxijiet fuq dan l-ammont;

U premess li bl-istess zewg kuntratti ta' l-24 ta' Settembru 1979, Dok 'G', u ta' l-14 ta' Frar 1985, Dok 'C', il-konvenut Godwin Borg iggarantixxa *in solidum* ma' Michael Camilleri u s-socjeta` kummercjali "E. M. E. C. (Electro Mechanical Equipment Company Limited)", ghaf-favur tal-Bank of Valletta plc, id-debiti ta' l-istess socjeta` kummercjali "E. M. E. C. (Electro Mechanical Equipment Company Limited)" mal-Bank of Valletta plc sa l-ammont ta' erbatax-il elf lira Maltija (Lm14,000.00,0) flimkien ma' l-imghaxijiet fuq dan l-ammont;

U premess li l-imghaxijiet fuq l-ammont ta' erbatax-il elf lira Maltija (Lm14,000-00,0) mill-21 ta' Lulju 1989 (data tad-domanda ghall-hlas) (Dok. 'H') sal-21 ta' Frar 1993 ilahhqu s-somma ta' erbat elef u tlettax-il lira Maltija (Lm4,013-00,0) u ghalhekk l-attur *nomine* jinsab kreditur tal-konvenut Godwin Borg fl-ammont ta' tmintax-il elf u tlettax-il lira Maltija (LM18,013.00,0) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mit-22 ta' Frar 1993 sad-data ta' l-effettiv pagament;

U premess li b'zewg skritturi privati separati u datati 8 ta' Awissu 1985 u 13 ta' Awissu 1985, li kopji fotostatici taghhom gew esibiti ma' l-att tac-citazzjoni u immarkati Dok. 'I' u Dok. 'J' rispettivament, il-konvenuti Godwin Borg u Michael Camilleri iggarantew *in solidum* mas-socjeta` kummercjali "E. M. E. C. (Electro Mechanical Equipment Company Limited)', ghaf-favur ta' l-attur *nomine*, id-debiti ta' l-istess socjeta` kummercjali "E. M. E. C. (Electro Mechanical Equipment Company Limited)" mal-Bank Of Valletta plc sa l-ammont ta' erbatax-il elf lira Maltija (Lm14,000.00,0) u mija u sitta u erbghin elf u hames mitt lira Maltija (Lm146,500.00,0) rispettivament - salvi mghaxijiet ulterjuri;

U premess li sew il-konvenuti *nomine* u sew il-konvenuti *proprio* gew interpellati, permess ta' tliet ittri ufficjali datati 9 ta' Dicembru 1992, esibiti u mmarkati Dok 'K', 'L' u 'N'

sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu kollha inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Ghar-ragunijiet premessi tikkundanna lill-konvenuti (a) Michael Camilleri u Godwin Borg bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali “E. M. E. C. (Electro Mechanical Equipment Company Limited)” u (b) Michael Camilleri f’ismu propju, *in solidum* ihallsu lill-attur *nomine* s-somma ta’ mija u wiehed u ghoxrin elf seba’ mija u tlettax-il lira Maltija u hames millezmi (Lm121,713.00,5) bilanc ghad-debitu fil-kontijiet tas-socjeta` kummercjali “E. M. E. C. (Electro Mechanical Equipment Company Limited)” mal-Bank of Valletta plc flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mit-30 ta’ Settembru 1992 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

2. Tikkundanna lill-konvenut Godwin Borg f’ismu propju, u *in solidum* mas-socjeta` kummercjali “E. M. E. C. (Electro Mechanical Equipment Company Limited)” ihallas lill-attur *nomine* s-somma ta’ tmientax-il elf u tlettax-il lira Maltija (Lm18,013.00,0) ammont minnu ggarantit flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mit-22 ta’ Frar 1993 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali tad-9 ta’ Dicmebru 1992 kontra l-konvenuti *nomine* u l-konvenuti *proprio*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien man-nota li biha esebixxa d-dokumenti;

Rat in-Nota ta’ l-eccezzjonijiet tal—konvenut Michael Camilleri f’ismu *proprio* li permezz taghha huwa eccepixxa:-

Illi l-ammont pretiz mill-attur *nomine* m'huwiex dovut stante li jikkomprendi fih somma ta' imghaxijiet komposti li ma jistghux jigu addebitati lill-eccipjenti ghax mizjuda bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-ligi ghar-rigward;

Salve eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat ukoll in-noti ta' l-eccezzjonijiet maghmula mill-konvenuti Godwin Borg f'ismu *proprio*, Michael Camilleri u Godwin Borg *nomine*, li huma kollha simili ghan-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Camilleri *proprio* fuq imsemmija;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati rispettivi ta' l-istess konvenuti *proprio et nomine* u l-listi tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tas-6 ta' Lulju 1995 li permezz tieghu gie nominat bhala perit komputista John Bonnici biex jikkalkola l-ammont ta' imghax komposti b'effett mid-dati li jindikawlu l-partijiet u dan minghajr pregudizzju ghal kontestazzjoni ta' l-attur *nomine* li l-imghaxijiet kif mitluba minnu kienu korretti;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit komputista li tinsab a fol. 328 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 1996;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda in eskussjoni maghmula mill-perit relatur fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 1996;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Jinghad fis-sentenza fl-ismijiet “**Onorevoli Alfonso Maria Galea *et nomine* –vs- Ferdinando Ass**”, Qorti tal-Kummerc, 19 ta’ April 1926 (Vo. XXVI P III p 633):

“*Atteso che il conto corrente, giusta l’ opinione piu` comunemente accettata, e` un contratto per cui due persone, dovendo rimettere reciprocamente dei valori, si obbligano di notarle in un conto come partite di credito e debito, in modo che sara` esigibile il saldo alla chiusura del conto.”*

Tali huwa l-kaz taht ezami fejn jirruzlta illi l-Banka attrici kkonveniet mas-socjeta` konvenuta kontrattazzjonijiet li jirrivestu l-karatteristici tal-kont kurrent kif fuq spjegat. Fuq dan ma jezisti l-ebda kuntrast bejn il-kontendenti;

Id-divarju bejniethom jirrigwarda dawn l-aspetti, u cjoe:

I. Il-komputazzjoni ta’ imghaxijiet komposti, li skond kif eccepit mill-konvenuti (fol. 207, 211 u 215) ma kellhomx jigu addebitati ghax huma kuntrarji ghal-ligi;

II. Il-mument tat-terminazzjoni tat-thaddim tal-kont kurrent. Ghall-konvenuti dan il-mument kellu jkun abbinat mad-data li fiha ma thallewx joperaw il-facilitajiet bankarji, ossija l-1 ta’ Marzu 1985 jew subordinatament l-1 ta’ Marzu 1987 meta ma thallewx juzaw il-facilitajiet b’mod assolut. Invece, ghall-Banka attrici l-mument fokali kellha tkun id-data tal-*call in* tal-hlas tal-bilanc tal-kontijiet, jigifieri s-16 ta’ Jannar 1989. Ara verbal a fol. 220 tal-process;

Dwar l-ewwel aspett tal-materja hawn konsiderata, jinsab akkolt f’gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, tnehhi xi vuci dissenzjenti f’epoka partikulari f’dawn l-ahhar snin, illi “*l’ uso continuo non mai contrasto, delle banche locali e` quello che si usa in altre paesi, cioe` quello di capitalizzare nei casi di apertura di credito in conto corrente i lucri sui bilanci a loro dovuti senza precedente convenzione, e cio a periodi piu` brevi di un anno*” – “**Negte. Francesco Tabone –vs- Avvocato Luigi**

**Piovano *nomine***", Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju 1929 (Vol. XXVII P I p 826);

Il-kompjant Imhallef George Schembri jissokta jippreciza illi "din is-sistema ta' komputazzjoni ta' l-imghaxijiet f'konti kurrenti (*overdraft*) hi legali, kif hafna drabi gie deciz mill-Qrati taghna (Ara, Kollaz, Decizjonijiet: Vol. XVII P III p 53; XXVII P I p 826; XXVIII P III p 910; XXX P III p 840)" – "**Cecil Busuttil *nomine* –vs- Alfred Spiteri Debarro**", Qorti tal-Kummerc, 15 ta' Jannar 1979;

"Konsegwentement, u billi l-ftehim dwar l-imghax gie bazat fuq l-uzu bankarju – nonostante li l-ligi civili tikkunsidra null il-ftehim ta' imghaxijiet komposti ghall-perjodu iqsar minn sena – dan l-uzu bankarju ghandu jipprevali fuq il-provvedimenti civili" – "**Dennis Degiorgio *nomine* –vs- Guido Sant Fournier**"; Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Ottubru 1980;

F'dan il-kuntest jidher li maggorment id-decizjonijiet fuq is-suggett segwew bhala stipiti l-hsieb traccjat fis-sentenza fl-ismijiet "**Edwin Vassallo *nomine* –vs- Salvatore Ballucci**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' April 1947 li a propositu rriteniet illi "f'materja ta' kont korrent l-principju tal-Kodici Civili jinsab derogat; ghax il-kuntratt ta' kont kurrent *per se* mhux kuntratt ta' mutwu, avvolja fih ikun hemm imdahhlin xi somom b'self; u l-korrispondenti f'dak il-kuntratt ma humiex mutwanti imma mandatarji.";

Din l-enuncjazzjoni jidher li sabet favur anke fi zmenijiet recentissimi, kif evidenzjat miz-zewg decizjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' Dicembru 2002 fil-kawzi fl-ismijiet "**Avv. Dottor Dominic A. Cassar *nomine* -vs- Lawrence Farrugia *nomine et***" u "**Bank of Valletta Limited –vs- Anna's Trading Company Limited *et***";

Issa fil-kaz in disamina jirrizulta li s-socjeta` konvenuta giet koncessa facilitajiet bankarji jew estensjonijiet taghhom permezz ta' tliet kuntratti specifici datati 29 ta' Awssu 1974 (fol. 8), 13 ta' Frar 1984 (fol. 13) u 14 ta' Frar 1985 (fol. 18). F'dan ta' l-ahhar kif ukoll f'dak l-iehor ta' l-24 ta' Settembru 1979 u z-zewg skritturi tat-8 ta' Awissu

1985 u 13 ta' Awissu 1985 il-konvenuti Michael Camilleri u Godwin Borg personalment iggarantew il-pagament sa l-ammont fihom stabbilit u kif ahjar precizat fid-dokumenti tal-garanzija a fol. 177 u fol. 199;

Ghal dak li huwa valevoli ghall-iskop tal-meritu kontrovertit bejn il-kontendenti issir referenza ghal dawn iz-zewg kondizzjonijiet ben precizati u li ghal dik li hi interpretazzjoni ma jaghtu lok ghall-ebda ekwivoku. Dan b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 1002 tal-Kapitolu 16. (Vide sentenza fl-ismijiet "**Vincent Albert Muscat –vs- Rudolph Xuereb *nomine***", Appell, 28 ta' Jannar 2000);

i. "*Interest at rates not exceeding the maximum rate allowed by law shall be due by the borrower on daily balance in accordance with recognised banking practice, the said rate of interest to be fixed by the Bank in its sole discretion from time to time.";*

ii. "*It is agreed that the Bank shall be entitled at any time to call upon the borrower to settle its indebtedness with the Bank, and to pay the balance due in its current account, a simple request in writing to be deemed good and sufficient notice for the borrower to implement its engagements forthwith."*

Dan premess, il-kumplament tal-provi jistabilixxu s-segwenti:

A. Permezz ta' ittra datata 21 ta' Lulju 1989 (fol. 198) il-Banka attrici iddomandat lis-socjeta` konvenuta thallas il-bilanc tad-debitu fl-*overdraft accounts*. Kontro-ezaminat, wiehed mill-konvenuti, Managing Director tas-socjeta`, jaccetta li rceva din l-ittra ta' *call in* mill-Bank (fol. 251). Aktar 'il quddiem u precizament fid-9 ta' Dicembru 1992 intbaghtu wkoll ittri ufficjali (fol. 182, fol. 186 u fol. 190) lill-kumpanija u liz-zewg garanti taghha;

B. Dan l-istess xhud jistqarr inoltre li bejn l-1984 u s-sena 1987 kellu certi restrizzjonijiet mill-Bank biex jopera l-kont u sahansitra jghid li dan gie imblukkat. Kien ghal din ir-

raguni li kkontesta l-komputazzjoni tal-Bank dwar il-*compound interest*;

C. Invece, ix-xhud John Farrugia, Manager tal-Banka attrici (fol. 245) jikkuntrasta din id-deposizzjoni tal-konvenut billi jafferma illi sas-16 ta' Jannar 1989 il-kontijiet kollha kienu qeghdin jahdmu fis-sens li l-*account* seta' jigi operat u dippju sa din l-istess data l-imghax inhadem bil-*compound interest* u wara din id-data bis-*simple interest*;

Il-kontendenti pprezentaw separatament prospetti ta' kif gie minnhom ikkalkolat l-imghax: dak ta' l-attur *nomine* a fol. 230 u dak tal-konvenuti a fol. 225. In vista ta' l-allegazzjni ta' *over charging* tal-interessi sottomessa mill-konvenuti kien logiku li l-Qorti tinnomina espert komputista biex dan jikkalkola l-ammont ta' imghax kompost naturalment fil-konsiderazzjonijiet tat-termini pattwiti fil-kuntratt, tal-facilitajiet bankarji adoperati u tar-rimessi li saru mill-konvenuti;

Mill-perizja (fol. 328) li qed tigi adottata, jidher li l-perit kien sodisfatt li seta jasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu fuq l-atti akkwiziti biex jipprovdi l-prova li l-Qorti xtaqet taghmel permezz tieghu (Artikolu 644, Kapitolu 12);

In succint l-espert komputista javvanza dan ir-ragjonament:

(a) Mid-data li l-kontijiet ma baqghux izjed legalment ikkonsidrati bhala *overdraft facilities*, u ghalhekk l-imghaxijiet kellhom jigu mahduma bis-sistema semplici, dan kellu jsir skond kif provvdut fl-Artikolu 1169 (2) tal-Kodici Civili, jigifieri "il-hlas ta' parti mid-dejn maghmul akkont ta' kapitali u mghaxijiet, minghajr ma jinghad ghal liema minnhom, imur l-ewwel ghall-imghaxijiet";

(b) Il-kontendenti zbaljaw meta naqsu li jiehdu in konsiderazzjoni dan il-provvediment tal-ligi fil-komputazzjoni taghhom u invece applikaw ir-rimessi ghall-kapital u hallew l-imghax jitla bla mittiefes minn sena ghall-ohra;

(c) Il-kalkolu bazat fuq tliet dati, kif mill-partijiet suggeriti, ta rizultat differenti. Hekk skond dak ritenut mill-Banka attrici bhala data tal-*call in,* l-ammont dovut huwa anqas minn dak abbinat mad-dati tal-konvenuti. Fl-eskussjoni (fol. 453) il-perit jispjega din id-differenza billi jsostni illi l-kalkolu hu dipendenti, f'kull perjodu partikolari, mis-sustanza tat-transazzjonijiet u mill-metodu matematiku nkwadrat fl-ambitu tad-dispost tal-ligi [Artikolu 1169(2)] succitat;

Il-Qorti ma tarax illi r-ragjonament tal-perit komputista hu nieqes minn fondament guridiku. Anzi, ghal kuntrarju, thoss li l-opinjoni tieghu hi ben informata u mhix priva mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett legali tal-materja taht ezami;

Kemm fil-ligi kif ukoll fil-gurisprudenza hu ben assodat illi "meta d-debitu hu cert il-hlasijiet akkont ghandhom l-ewwel jigu mputati ghall-imghax u mbaghad ghal kapital jew spejjez" (**Vol. XXXI P II p 6**);

Il-konvenuti, imbaghad, nonostante li nghataw l-opportunita` kollha biex jikkritikaw u jikkontrastaw din l-istess opinjoni b'sottomissjonijiet pertinenti li kapaci jinnewtralizzaw din l-istess opinjoni, huma naqsu milli jaghmlu dan. U, allura, biex wiehed japporta ruhu ghal dak rilevat mill-Qorti ta' l-Appell, gjaladarba "ir-relazzjoni kienet essenzjalment ezercizzju matematiku bazat fuq id-dokumenti prodotti mill-kontendenti tali ezercizju kien verifikabbli u seta' jigi facilment emendat jekk tigi indikata l-ezistenza ta' prova kuntrarja" – "**Mary Grech –vs- P.L. Joe D'Amato *et***", 3 ta' Dicembru 1999. Prova kuntrarja din li fil-kaz *de quo* baqghet ma saretx. Huwa veru illi l-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit kontra l-konvinzjoni taghha nfisha (Artikolu 681 tal-Kapitolu 12). Izda daqstant iehor il-Qorti ma tistax leggerment tiskarta dawn l-istess konkluzjonijiet meta ma tressqet l-ebda sottomissjoni attendibbli li kapaci tikkonvinciha xort'ohra;

Dan kollu premess, il-Qorti ser tghaddi biex tadopera r-rizultanzi peritali fis-sens li qed takkolji l-komputazzjoni tieghu bazata fuq il-proposta tal-Banka attrici, jigifieri dik li

hadet in konsiderazzjoni d-data tas-16 ta' Jannar 1989. B'danakollu gjaladarba l-kalkolu tieghu jidher li sar sal-25 ta' Marzu 1993 meta invece l-Banka attrici talbet biss pagament sad-data minnha prefissa fic-citazzjoni (30 ta' Settembru 1992) din il-Qorti hi prekluza milli takkordalha s-somma komputata ta' Lm124,660.49,0 in kwantu din teccedi s-somma effettivament domandata;

In kwantu li l-konvenuti personalment iggarantew id-debitu u tali fidejussjoni giet provvduta *expressis* fil-kuntratti u skritturi dawn huma ekwiparabbli *in solidum* mal-kumpanija kondebitrici principali tal-Banka attrici.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel talba tal-Banka attrici u b'hekk tikkundanna solidalment lill-konvenuti Michael Camilleri *proprio et nomine* ghal hlas tal-bilanc tad-debitu tal-kontijiet kurrenti tas-socjeta` "E. M. E. C. (Electro Mechanical Equipment Company Limited) fl-ammont ta' mija u wiehed u ghoxrin elf seba' mija u tlettax-il lira Maltija u hames millezmi (Lm121,713.00,5), oltre l-interessi ulterjuri kalkolati bir-rata semplici mit-30 ta' Settembru 1992 sad-data tal-pagament effettiv;

Tilqa' wkoll it-tieni domanda billi tikkundanna lill-konvenut Godwin Borg f'ismu *proprio* u *in solidum* mas-socjeta` E. M. E. C. (Electro Michanical Equipment Company Limited) ihallas lill-attur *nomine* is-somma ta' tmintax-il elf u tlettax-il lira Maltija (Lm18,013) ammont minnu garantit flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mit-22 ta' Frar 1993 sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez gudizzjarji kollha jibqghu a karigu tal-konvenuti *proprio et nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------